MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru. 211/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Michelina k/a Michelle Mizzi**

Il-Qorti:

Rat l-imputata Michelina k/a Michelle Mizzi mart Kenneth Mark Joseph, bint John Bartolo u Josephine nee` Spiteri imwielda il-Pieta` fis-6 ta` Marzu, 1972 u residenti Flat 5, App. Ind. Blk 1, Ent A, Triq is-Salvatur, Kalkara u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 143072 (M) li giet imressqa quddiemha akkuzata talli:-

a) F`M`Skala fit-12 ta` Jannar, 2003 ghal habta tat-3.30 am minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta` Kenneth Mark Joseph mill-Kalkara f`periklu car, habbiet ghal istess Kenneth Mark Joseph u kkagunatlu griehi ta` natura gravi skond ma` ccertifika Dr. D. Vella Briffa MD c/o 2, Spencer Flats, Dun G. Preca Street, Blata l-Bajda bi ksur ta` l-art. 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

b) Barra minn dan fl-istess cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u glied bi ksur ta` l-art. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tapplika l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` Kenneth Mark Joseph.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Far 2003 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2003 l-imputata wiegbet li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2007 deher Dr. Albert Libreri ghall-parti civili Kenneth Mark Joseph Mizzi fejn gie dikjarat li dan tal-ahhar kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputata.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fit-12 ta' Jannar 2003 ghall-habta tat-3.30am fil-bar tal-Lukanda Cerviola, f'Marsacala fejn Kenneth Joseph Mizzi sofra griehi li originarjament gew provizorjament klassifikati bhala ta'

natura gravi minn Dr. Joseph Vella Briffa skond ic-certifikat mediku esebit a folio. 13 tal-process. Meta Dr. Vella Briffa xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2003 huwa izda qal li kien rega' ezamina lil Kenneth Mizzi fis-6 ta' Mejju 2003 u seta' jikkonstata li l-feriti kienu puliti, li ma kienx hemm sfreggju u li ghalhekk il-griehi li kien sofra Kenneth Mizzi kienu ta' natura hafifa anki ghaliex il-punti li sarulu kienu *butterfly stitches* u ma hallewx marka. Huwa minnu li l-espert nominat minn din il-Qorti permezz ta' digriet tat-23 ta' Lulju 2003, u cioe' Dr. Lawrence Scerri (dermatologu) ikkonkluda li l-griehi sofferti minn Kenneth Mizzi kellhom konsegwenzi li damu ghal aktar minn tletin (30) gurnata. Il-Qorti izda jisrilha li ghandha tistrieh fuq il-konkluzjonjiiet tat-tabib li effettivament ezamina lil Kenneth Mizzi a tempo vergine u li kompla isegwih, u cioe' Dr. Joseph Vella Briffa, fejn dan stabbilixxa li l-griehi sofferti mill-imsemmi Mizzi kienu ta' nautra hafifa. Irid inoltre jigi rilevat li  permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2003 din il-Qorti kienet innominat lil Dr Ivan Vella bhala espert mediku (ophthalmologist) izda dan tal-ahhar qatt ma prezenta r-rapport tieghu u qatt ma xehed quddiem din il-Qorti.

Una volta li qed jigi stabbilit li l-griehi sofferti minn Kenneth Joseph Mizzi kienu ta' natura hafifa u una volta li kif diga' intqal aktar 'il fuq il-parti civili Kenneth Joseph Mizzi irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti ta' martu l-imputata, il-Qorti qed tiddikkjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Jibqa' issa t-tieni akkuza x'tigi kkunsidrata liema akkuza hija wahda ta' natura kontravenzjonali u li permezz taghha l-imputata qed tigi akkuzata bi ksur ta' paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li dan l-allegat reat effettivament seta' sar minn certu Grezzju Abela li dakinhar kien qed jakkompanja lill-imputata u mhux mill-istess imputata. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm xi

ksur ta’ paci pubblika da parti tal-imputata dakinhar tal-allegat incident.

Ghal dawn il-motivi stante r-rinunzja tal-parti civili Kenneth Mizzi u stante li din il-Qorti tqies li l-griehi kagunati lil parti civili kienu ta’ natura hafifa, tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputata u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza. Peress li t-tieni akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi tillibera lill-imputata mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------